MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 107/2005

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: li l-partijiet izzewgu fit-3 Ottubru 2001, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal; li l-hajja konjugali saret impossibbli minhabba abbandun, mincacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex jressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti: [1] tippronunza s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tort unikament tal-konvenuta; [2] tordna li l-konvenuta thallas manteniment lill-attur; [3] tapplika fil-konfront tal-konvenuta d-dispost ta' l-artikolu 48 Kap.16; [4][5] ixxolji u tillikwida u tassenja l-

komunjoni ta' l-akkwisti; [6] tikkundanna lill-konvenuta tirritorna l-effetti parafernali ta' l-attur; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Rat l-atti tal-kawza, inkluz l-affidavit ta' l-attur;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenuta, fit-termini ta' l-artikoli 40 u 41 tal-Kap.12;

Illi mill-provi, u senjatament mill-affidavit ta' l-attur, jirrizultaw mhux kontradetti s-segwenti fatti.

Li l-attur, cittadin Malti, meta kellu 19-il sena, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Marokkina, li kellha 34 sena. L-attur jghid: “Gimgha wara li zzewwigt jien qbadt u tlaqt mid-dar u ilna separati de facto ghal dawn is-snin kollha.”[1] Jispjega li huma ma kienux jaqblu u kellhom problemi kbar. Eventwalment il-konvenuta dahhlet f' relazzjoni ma' ragel ta' nazzjonalita' Gharbija, u minn din ir-relazzjoni twieldu l-imsemmija tlett itfal. L-attur jichad li dawn it-tfal, ghalkemm registrati fuq ismu, huma it-tfal tieghu.

Illi mill-provi jrrizulta li, iz-zwieg tkisser irrievokabbilment, tort ta' l-attur li abbanduna lil martu gimgha biss wara z-zwieg, u tort tal-konvenuta li dahhlet f' relazzjoni extra matrimonjali ma' ragel iehor li minnu ghandha tlett itfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni ghandha tintlaqa' bi htija taz-zewg partijiet fit-termini ta' l-artikoli 38 u 41 tal-Kap.16; u li dan il-komportament jattira fil-konfront taz-zewg partijiet l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Ka.16

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

[1] Fol.36

Fic-cirkostanzi, il-Vettura tal-marka LAD numru JAG 379 qed tigi assenjata lill-attur bid-dejn gravanti fuqha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija tat-tnejn;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tilqa' t-tielet talba fil-konfront taz-zewg partijiet;
[4] tilqa' ir-raba talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;
[5] tilqa' il-hames talba u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tassenjaha kif indikat fis-sezzjoni ntestata komunjoni ta' l-akkwisti';
[6] tichad is-sitt talba stante li ma ngabux provi fir-rigward.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------